# Alfred Grixti

B.Educ(Hons), PGDEAM., DSS(Oxf).,MSc(Oxf).,
94, "San Filep",
Triq il-Grazzja,
Ħaż-ŻEBBUĠ, ŻBĠ 1056


---

Il-Ħamis, 3 ta' April, 2025.

L-Onorevoli Sur Chris AGIUS M.P.
Chairman,
Kumitat Parlamentari dwar Ħatriet Pubbliċi,
Kamra tar-Rappreżentanti,
Parlament ta' Malta.

**Tweġibiet għal Mistoqsijiet dwar in-Nomina tiegħi**

**bħala Ambaxxatur Mhux Residenti għar-Repubblika ta' Kuba**

Għażiż Sur Agius,

Għandi l-unur li ngħaddilek it-tweġibiet tiegħi għall-mistoqsijiet tal-membri tal-Kumitat immexxi minnek.

Fil-waqt li ninsab disponibbli għal kull kjarifika meħtieġa, nħares 'il quddiem li niġi quddiem l-imesmmi kumitat sabiex nagħti tali kjarifika in personam.

Nixxik ħajr tal-ħin tiegħek w

Inselli għalik,

**Alfred GRIXTI,**
**Numru tal-Karta tal-Identità: 112262 (M)**

# NOMINA
# TAS-SUR ALFRED GRIXTI
# GĦALL-ĦATRA
# TA' AMBAXXATUR TA' MALTA, MHUX RESIDENTI, ĠEWWA KUBA

Qabel xejn u qabel ma nibda nwieġeb dawn il-mistosijiet, nixtieq inrodd ħajr lill-Gvern tal-fiduċja li wera fija meta innominani għal din il-ħatra. Inwiegħed li, kemm-il darba nkun approvat minn dan il-Kumitat, nagħmel ħilti kollha u l-almu kollu tiegħi biex inkun ambaxxatur denju ta' pajjiżna.

Bl-istess mod, inrodd ħajr lill-membri kollha ta' dan il-Kumitat Parlamentari kemm tal-mistoqsijiet li għoġobhom jagħmluli u kemm ta' din l-opportunità li nidher quddiemhom biex inwieġeb kemm dawn il-mistoqsijiet u kemm mistoqsijiet oħra li jista' jkollhom u li jgħoġobhom jagħmluli.

## *Mistoqsijiet sottomessi mill-Membri tal-Gvern*

### 1. *X'taħseb li huma l-isfidi li qed tara fil-pajjiż rispettiv fejn se tinħatar bħala Ambaxxatur? U kif qiegħed tara dawn l-isfidi jiġu indirizzati f'dan il-pajjiż?*

L-isfida ewlenija hija kif ir-relazzjonijiet bejn Malta u Kuba jiġu konkretizzati u minn sempliċi relazzjonijiet fuq il-karta ngħaddu għal relazzjonijiet aktar b' saħħithom li jkunu ta' benefiċċju komuni għaż-żewġ pajjiżi. L-ewwel passi għandhom ikunu *fact-finding.*, speċifikament dwar x' qed jistennew huma mir-relazzjoni diplomatika tagħhom ma' Malta u viċi versa.

## 2. X'inhuma l-binarji, b'mod ġenerali, li beħsiebek taħdem fuqhom f'każ li tinħatar Ambaxxatur?

Wieħed irid jibda b' pre-suppost importanti u li spiss jintesa' imma li għandu jiġi misħuq f' dan l-istadju u anki ripetut kemm hemm bżonn. L-iskop ta' kull amabaxxatur u tal-korp diplomatiku kollu ta' kull pajjiż huwa li jħares, jiddefendi u jippromwovi l-interessi ta' pajjiżu. Xejn anqas minn hekk. Dan jgħodd ukoll għal Malta. Jiġifieri, bħala *sine qua non*, l-ewwel binarju se jkun li nfittex l-ewwel u qabel kollox x' inhu fl-aħajr interess ta' Malta. Se namplifika fuq dan fit-tweġibiet għall-mistoqsijiet segwenti. F' dan l-istadju, iżda, wieħed jista' jgħid li b' mod ġenerali wieħed għandu, kif ilha tagħmel, l-Unjoni Ewropeja, jkollu politika (binarju) ta' *constructive engagment* ma' Kuba w il-Gvern Kuban. (*Ara:* https://horizontecubano.law.columbia.edu/news/european-union-and-cuba-low-profile-strategic-partnership). Ir-realtà ta' Kuba kulħadd jaf x' inhi. Minkejja dan, l-UE ilha mill-1996 li mexxiet 'il quddiem politika diversa minn dik tal-Istati Uniti fir-relazzjonijiet tagħha ma' Kuba. Bħala riżultat ta' din il-politika, l-UE hija l-akbar *trading partner* ta' Kuba, l-akbar investitur barrani ta' Kuba u 25% tat-turisti lejn Kuba huma mill-UE.
(Ara: https://www.eeas.europa.eu/sites/default/files/cuba_factsheet_revised.pdf )

Għaldaqstant, huwa ċar, għall-inqas għalija, li wieħed għandu jara u jifli sew x' possibilitajiet u x' prospetti ta' koperazzjoni u kummerċ jista' jkun hemm bejn Malta u Kuba u jaħdem sabiex ixettilhom u jkattarhom. Dawn huma l-binarji ewlenin li nimpenja u nikkommetti ruħi li nimxi fuqhom kemm-il darba dan il-Kumitat japprova n-nomina tiegħi. Ovvjament, dan dejjem isir fil-parametri tal-Qafas Strateġiku tal-Politika Barranija ta' Malta għas-snin 2025 – 2026, kif nispjega aktar 'il quddiem.

## 3. Bħala Ambaxxatur, kif tara li x-xogħol tiegħek jista' jwassal sabiex jiżdiedu u jitjiebu r-rabtiet politiċi u soċjali ma' pajjiżna?

Nemmen li l-ewwel nett, jekk inkun approvat minn dan il-Kumitat, flimkien mal-uffiċċjali relevanti mill-Ministeru għall-Affarijiet Barranin, għandi nirrevedi u nevalwa fejn waslu sa issa r-relazzjonijiet bejn Malta u Kuba u nimxu 'l quddiem minn hemm.

Jekk wieħed jara l-komunikat uffiċċjali mill-Ministeru għall-Affarijiet Barranin meta nħatar l-aħħar ambaxxatur Malti għal Kuba jsib dan li ġej:

> *"On 11 January 2023, H.E. Mr Andre Damato presented his Letters of Credence as non-resident Ambassador of the Republic of Malta to H.E. Mr Miguel Díaz-Canel Bermúdez, President of the Republic of Cuba. The credentials ceremony took place at the Palacio de la Revolucíon in Havana, the Cuban capital, and in the presence of H.E. Bruno Eduardo Rodríguez Parrilla, Minister of Foreign Affairs of the Republic of Cuba.*
>
> *After the ceremony, a brief yet engaging meeting was held between H.E. President Díaz-Canel and H.E. Ambassador Damato, recalling the excellent diplomatic relations between Malta and Cuba. In this spirit, H.E. President Díaz-Canel assured the Cuban Government's support for H.E. Mr Damato in his role as Malta's Ambassador to Cuba. H.E. President Díaz-Canel also expressed his Government's satisfaction for the May 2022 signature of the Malta-Cuba MoU in the Field of Medical Science and Health Care, and voiced his enthusiasm on expanding cooperation between Malta and Cuba in other areas of shared interest. H.E. Ambassador Damato conveyed Malta's appreciation towards Cuba by showing Valletta's readiness to expand work with Havana in areas of mutual interest.*
>
> *The Presentation of Letters of Credence of H.E. Mr Andre Damato was preceded by his Presentation of the Copies d'Usage to H.E. Mr Elio E. Rodríguez Perdomo, Deputy Minister of Foreign Affairs of the Republic of Cuba, at the Ministry of Foreign Affairs of the Republic of Cuba (MINREX) on 10 January. During the subsequent meeting, both sides recalled the close historical and diplomatic ties among Malta and Cuba, further cooperation*

*prospects towards strengthening Maltese-Cuban ties, and Malta's support to EU-Cuba relations.*

*The Presentation of Letters of Credence and Copies d'Usage of H.E. Andre Damato as Malta's Ambassador of Malta to Cuba were complemented with various meetings involving the Maltese delegation in Havana, and Cuban government ministries as well as private stakeholders. With the overall aim of enhancing Maltese-Cuban cooperation in wide-ranging fields, from healthcare to tourism and trade to civil society, meetings were held between the Maltese delegation and representatives from entities such as the Ministries of Public Health (MINSAP), Tourism (MINTUR), and Trade and Investment (MINCEX)."*

(Ara: https://foreign.gov.mt/other-updates/presentation-of-letters-of-credence-of-h-e-mr-andre-damato-as-ambassador-of-the-republic-of-malta-to-the-republic-of-cuba-2/)

Minn hawn joħroġ ċar li, jekk inkun approvat bħala Ambaxxatur, irrid naħdem sabiex insaħħaħ il-koperazzjoni bejn iż-żewġ pajjiżi fl-oqsma tas-saħħa, turiżmu w ir-relazzjonijiet UE – Kuba u dan bħala mezz li jiżdiedu u jitjiebu r-rabtiet politiċi u soċjali ma' pajjiżna.

## 4. *Liema taħseb li huma l-isfidi prinċipali li għandna negħlbu sabiex insaħħu r-relazzjoni bejn iż-żewġ pajjiżi?*

L-isfida ewlenija hija n-nuqqas ta' kontinwità. Kellna ambaxxatur li, minħabba ċirkostanzi imprevisti, ma baqax u ilna bla ambaxxatur dawn l-aħħar 10 (għaxar) xhur. Jidher li dan wassal għal staġnar fir-relazzjonijiet bejn Malta w Kuba. Għaldaqstant, l-isfida ewlenija hija li nerġgħu nistabbilxxu relazzjonijiet fil-livell ta' Ambaxxatur u nkomplu nsostnu dawn ir-relazzjonijiet. Jekk inkun maħtur Ambaxxatur se nimpenja ruħi biex dan iseħħ. Minix interessat li nkun ir-rappreżentant ta' Malta fuq il-karta biss jew għaċ-ċerimonji biss. F' kelma waħda, huwa imperattiv li jinħatar Ambaxxatur biex jingħata impetu ġdid lir-relazzjonijiet bejn Malta w Kuba. Huwa immaterjali jekk inkunx jien. L-importanti huwa, jekk verament nemmnu li hemm ħtieġa li jkollna dawn ir-

relazzjonijiet ma' dan il-pajjiż, li din ma tkunx relazzjoni bis-sulluzzu jew fuq il-karta biss.

It-tieni sfida hija li, minħabba dak li għadni kif għedt bħala li sfida ewlenija, nafu ftit li xejn dwar dan il-pajjiż u l-potenzjal tiegħu. Dan jerġa' jġibni għall-punt dwar il-*fact-finding* li rriferjet għalih fit-tweġiba għall-ewwel mistoqsija. Jidher, kif għedt fit-tweġiba għall-mistoqsija preċedenti, li huma jridu jiffukaw fuq l-oqsma tas-saħħa, turiżmu w kummerċ. Għaldaqstant min ikun Ambaxxatur irid isir jaf sew x' joffru f' dawn l-oqsma u jara fejn hemm konverġenza jew konverġenzi li jistgħu jkunu ta' interess u benefiċċju bilaterali.

## 5. *X'taħseb li huma n-niċeċ li nistgħu nsibu sinerġiji fuqhom bejn Malta u l-pajjiż rispettiv li int se tkun se tirrapreżenta lil pajjiżna?*

Kif ġa għedt, ir-rwol ta' kull ambaxxatur ta' kull pajjiż huwa li jimbotta 'l quddiem l-interess ta' pajjiżu. Għaldaqstant, jekk inkun approvat bħala Ambaxxatur (mhux residenti) għal Kuba, mhux biss se nkun iggwidat minn dan il-prinċipju imma nfittiex li nwettqu fil-prattika. Dan billi nimxi mal-politika barranija ddikjarata ta' pajjiżna.

Din il-politika barranija hija elenkata fl-i***Stqarrija dwar il-Qafas Strateġiku tal-Politika Barranija ta' Malta*** li ġiet ippubblikata fis-6 ta' Novembru, 2024. (*Malta's Foreign Policy Statement – Strategic Framework 2025 – 2026*).

Hawn jingħad li l-politika barranija ta' Malta hija msejsa fuq tliet kolonni. Dawn huma:

"**Strategic Pillar 1:** Support values, well-being and prosperity of Maltese citizens

**Strategic Pillar 2:** Promote Peace, Security and Dialogue

**Strategic Pillar 3:** Maximise opportunities for influence in strategic regions and multilateral fora"

Għaldaqstant, jekk se jkun hemm lok għal sinerġiji bejn Malta w Kuba dawn is-sinerġiji jridu jinstabu fil-kuntest ta' dan il-qafas strateġiku. Meta wieħed jifli dan il-qafas isib, almenu fil-fehma umli tiegħi, li hemm tlieta mill-15-il objettiv strateġiku tal-politika barranina ta' Malta fejn jista' jkun hemm sinerġiji bejn Malta w Kuba.

Dawn huma;

1. **Strategic Pillar 2:** Promote Peace, Security and Dialogue, Objective 4

   *"Join partnerships that contribute to promoting the responsible use of cyberspace and collaborate with reliable partners to counter terrorism and transnational organised crime."*

2. **Strategic Pillar 2:** Promote Peace, Security and Dialogue, Objective 5

   *"Advocate for concerted international and multi-stakeholder efforts to counteract disinformation and information manipulation, whilst engaging actively with the international community to advance efforts on Disarmament and Non-Proliferation of Weapons of Mass Destruction (WMD) including nuclear, biological, and chemical weapons"*

3. **Strategic Pillar 3:** Maximise opportunities for influence in strategic regions and multilateral fora, Objective 3

   *"Support efforts to strengthen international climate action, maritime governance and the protection of the global environment and advocate for and promote the interests of Small Island States and Small Island Developing States in international fora, while also pioneering and supporting initiatives to bolster their sustainable development."*

(Ara: https://foreign.gov.mt/wp-content/uploads/2024/11/Foreign-Policy-Statement-Strategic-Framework-2025-2026v2.pdf)

Fl-opinjoni tiegħi, l-aktar waħda li fiha jista' jkun hemm niċċa ta' sinerġija hija dik tal-aħħar f' din il-lista għax kemm Malta w Kuba huma stati gżejjer (*island states*) li t-tibdil fil-klima jolqothom direttament. Ovvjament, dwar dawn is-sinerġiji min ikun Ambaxxatur ma jridx jiddeċiedi għal rasu imma għandu jitlob il-gwida tal-Ministeru għall-Affarijiet Barranin u jimxi magħha.

## 6. *Kif tara li għandna nsaħħu r-relazzjonijiet kummerċjali u ekonomiċi bejn iż-żewġ pajjiżi rispettivi?*

Irrid nibda billi ngħid xi ħaġa dwar l-istat preżenti tar-relazzjonijiet kummerċjali. Tlabt statistika uffiċċjali dwar kemm nimportaw minn u lejn Kuba bħala pajjiż.

Din l-istatistika tmur lura sal-2019 u turi din il-qagħda:

### Importazzjoni minn Kuba lejn Malta

| Sena | Valur (€) | Oġġetti Importati |
|---|---|---|
| 2019 | 27,889 | Wood and articles of wood; wood charcoal |
| 2020 | 19,828 | Wood and articles of wood; wood charcoal |
| 2020 | 69,613 | Tobacco and manufactured tobacco substitutes |
| 2021 | 20,646 | Wood and articles of wood; wood charcoal |
| 2021 | 1,115,538 | Tobacco and manufactured tobacco substitutes |
| 2022 | 23,852 | Wood and articles of wood; wood charcoal |
| 2022 | 460,114 | Tobacco and manufactured tobacco substitutes |

## Esportazzjoni minn Malta lejn Kuba

| Sena | Valur (€) | Oġġetti Esportati |
|---|---|---|
| 2020 | 282 | Pharmaceutical products |
| 2021 | 714,244 | Beverages, spirits and vinegar |
| 2022 | 1,032,736 | Beverages, spirits and vinegar |

F' dan il-kuntest fejn li statistika turi li l-kummerċ bejn Malta w Kuba huwa f' livell baxx ħafna, naħseb li hemm żewġ oqsma li joffru potenzjal għall-iżvilupp ta' relazzjonijiet kummerċjali aħjar bejn Malta w Kuba. Dawn huma dawk tal-bijoteknoloġija u l-qasam marittimu.

Nibda mill-qasam tas-saħħa, kif aċċennajt fit-tweġibiet għal mistoqsijiet numri 3 u 4 . Il-qasam tas-saħħa huwa wieħed interessanti u li jidher li jista' joffri prospetti ta' kummerċ bejn Malta w Kuba. Dan billi diġà hemm MOU dwar koperazzjoni iffirmat bejn iż-żewġ pajjiżi.

Għaldaqstant, bħala prijorità, jekk inkun approvat bħala Ambaxxatur, l-ewwel li nara hu kif dan il-ftehim jista' jiġi mwettaq fil-prattika mill-aktar fis kemm jista' jkun.

Ir-raġuni għal dan mhijiex biss, iżda, għax hemm l-MOU iffirmat imma għax Kuba għandha waħda mill-aħjar sistemi tas-saħħa fid-dinja. Hawn jista' jkun hawn lok għal koperazzjoni. Fil-fatt, Kuba eċċellat f' dik li hija bijoteknoloġija u ma hijiex dipendenti fuq il-prodotti mediċinali li aħna mdorrijin bihom. Fil-fatt, il-***Pan American Health Organisation*** (PAHO) kitbet hekk:

> *"Over the years, Cuba has successfully developed its capacity to produce health technologies to maintain its health system, recognized worldwide for having achieved universal coverage. This reality is illustrated by the health indicators obtained, comparable to those of highly developed countries. The*

*level of this success prompts other countries attempting to establish a sustainable and competitive national pharmaceutical sector to emulate the model. Cuba has therefore become a world leader in South-South technology transfer, helping low-income countries to develop their own national biotechnology capacities, providing technical capacity and facilitating access to life-saving medicines at low cost for fight diseases such as meningitis B and hepatitis B."*

(Ara: https://journals.openedition.org/etudescaribeennes/24110 )

Għaldaqstant, personalment inqis li l-qasam tas-saħħa huwa settur partikolari fejn hemm possibilità li jinbnew relazzjonijiet kummerċjali li jistgħu jkunu ta' benefiċċju għaż-żewġ naħat.

Settur potenzjali ieħor għall-kummerċ huwa dak tal-qasam marittimu. Skont rapport pjuttost riċenti fuq is-sit tal-***Cuban Trade Association***, ir-repubblika Kubana għaddiet minn żmien ta' modernizzar u titjib fil-faċilitajiet portwali tagħha w illum qed titqies bħala l-*gateway* għall-Karibew. Dan ir-rapport jgħid hekk:

*"The Cuban shipping industry is celebrating a significant milestone as its modernization initiatives yield impressive results. A series of strategic investments in port infrastructure and logistics have transformed Cuban ports into efficient and competitive hubs for global trade, benefiting both importers and exporters. ….*

*As a result of these efforts, Cuban ports have become attractive transit points for goods entering and leaving the Caribbean region. The nation's strategic location as a gateway between North and South America has been leveraged to establish itself as a critical link in global supply chains.*

*International businesses have taken notice of Cuba's transformed shipping industry. Several multinational companies have increased their use of Cuban ports for shipping and distribution, citing the cost-effectiveness and efficiency*

*of these facilities. This has led to a boost in trade volumes and foreign investment in the Cuban maritime sector."*

(Ara: https://cubatradeassociation.com/publications/cuban-shipping-industry-modernization-efforts-pay-off/ )

F' dan il-kuntest, wieħed jista', għaldaqstant, jesplora x' possibilitajiet jista' jkun hemm ta' kummerċ marittimu reċiproku li jkun ta' benefiċċju għaż-żewġ pajjiżi.

## 7. *F'dan ir-rigward, tara li hemm trattati li jistgħu jitħaddmu aħjar bejn iż-żewġ pajjiżi? Jew trattati oħra li għandhom jiġu esplorati għaż-żmien li ġej?*

Malta għandha żewġ *"trattati"* ma' Kuba. Dawn huma:

**1.** L-MOU dwar Konsultazzjonijiet Politiċi li ġie ffirmat fis-26 ta' Settembru, 2019 u kellu terminu ta' ħames snin. (Ara: https://foreign.gov.mt/wp-content/uploads/Treaties/Signed%20version%20EN%20260919.pdf)

**2.** L-MOU fil-qasam tas-Saħħa li kien ġie ffirmat fit-22 ta' Mejju, 2022 u wkoll għandu terminu ta' ħames snin. (Ara: https://foreign.gov.mt/wp-content/uploads/Treaties/Malta-Cuba%20MoU%20Healthcare%20%28EN%20signed%29.pdf)

Dwar l-MOU fil-qasam tas-Saħħa diġà ktibt fit-tul fit-tweġiba għall-mistoqsija preċedenti. Għaldaqstant, mhemmx għalfejn nirrepeti dak li ktibt f' din it-tweġiba.

Dwar l-MOU l-ieħor, dak dwar Konsultazzjonijiet Politiċi, irid jingħad li dan huwa teknikament skadut għax it-terminu tiegħu kien sal-25 ta' Settembru, 2024. Għaldaqstant, jekk inkun approvat bħala Ambaxxatur, waħda mill-ewwel affarijiet li

nagħmel huwa li nitlob u nieħu direzzjoni dwar it-tiġdid ta' dan l-MOU. Imbagħad wieħed jimxi 'l quddiem minn hemm.

## 8. Taħseb li hemm lok għal iżjed koperazzjoni fil-qasam tat-turiżmu bejn iż-żewġ pajjiżi rispettivi?

Is-sit tal-*World Bank* jgħid li fl-2020 il-GDP *per capita* ta' Cuba kienet ta' $ 9,605.3 (Ara: https://data.worldbank.org/indicator/NY.GDP.PCAP.CD?end=2020&locations=CU&start=1970&view=chart) L-istess sit, jgħid li fl-2023 il-GDP *per capita* ta' Malta kien ta' $ 40,395.8 Għaldaqstant, ma naħsibx li hu realistiku li wieħed jistenna li jkun hemm possibilità ta' domanda kbira u sostnuta ta' turiżmu minn Kuba lejn Malta. Dan apparti il-ħtieġa ta' visa biex ċittadini Kubani joħorġu minn pajjiżhom u l-limitazzjonijiet ta' konnettività bl-ajru minn u lejn Kuba. Ovvjament, xejn ma għandu jiġi eskluż imma wieħed irid iżomm dawn ir-realtajiet f' moħħu meta jevalwa l-possibilitajiet li jista' jkun hemm f' dan is-settur.

## 9. Fuq livell ta' politika Ewropea u Internazzjonali, tara bejn iż-żewġ pajjiżi rispettivi li jistgħu jsaħħu l-koperazzjoni bejniethom b'mod partikolari fuq livell ta' Unjoni Ewropea?

Ir-relazzjonijiet bejn l-UE u Kuba huma bbażati fuq il-Ftehim magħruf bħala l-*Political Dialogue and Co-Operation Agreement (PDCA)* li ġie iffirmat fl-2016 u li għadu viġġenti.

Is-sit elettroniku tal-UE jgħid li:

> *"In an effort to update bilateral relations, limited between 1996 and 2016 by the so-called Common Position, the European Union re-launched a dialogue at the*

*political level in 2008, complemented by development assistance. On 12 December 2016, the* ***repeal of the Common Position*** *and the signing of the* ***Political Dialogue and Cooperation Agreement (PDCA)*** *between the two parties gave* ***new impetus to bilateral relations****. The PDCA started to apply provisionally on 1 November 2017."*
(*Ara:*https://www.eeas.europa.eu/cuba/european-union-and-Cuba_en?s=136#:~:text=Established%20in%201988%2C%20diplomatic%20relations%20between%20the%20European,the%20development%20of%20joint%20responses%20to%20global%20challenges.)

Meta ngħid li dan il-ftehim għadu viġġenti nagħti bħala prova l-fatt li sa sena ilu saret laqgħa skedata bejn iż-żewġ naħat taħt it-termini ta' dan il-ftehim. Ir-rapport fuq is-sit elettroniku uffiċċjali tal-*"Ministeru"* tal-Affarijiet Barranin tal-UE, il-*European External Action Service (EEAS)* iddatat 26 ta' April, 2024 jibda hekk:

*"Over the past week, the EU and Cuba have held a series of meetings under their Political Dialogue and Cooperation Agreement (PDCA).*

*The PDCA was signed in 2016 and has been applied provisionally since 1 November 2017. It enshrines the EU policy approach of critical but constructive engagement towards Cuba, under which the EU engages constructively with Cuba on a wide range of issues but also clearly and consistently raises issues of concern wherever relevant.*

*The PDCA provides for regular political dialogues on a range of specific issues agreed between the two sides during its negotiation, including human rights, and also allows for sectoral dialogues to be held in other areas. The fourth cycle of dialogues held under the PDCA began with the* Human Rights Dialogue *which took place on 24 November 2023 in Havana.*

*The latest round of meetings, held between 18 and 25 April, comprised two political dialogues (on unilateral coercive measures and on sustainable development), three sectoral dialogues (on agriculture, on environment and*

*climate change, and on energy), as well as the EU-Cuba sub-committee on cooperation."*

(*Ara:* https://www.eeas.europa.eu/eeas/cuba-political-and-sectoral-dialogues-held-under-eu-cuba-political-dialogue-and-cooperation_en)

Apparti dan, l-UE tagħti wkoll għajnuna finanzjara lil Kuba permezz tal-*Indiciative Multiannual Programme (MIP)* u li permezz tiegħu l-UE tat € 91(wieħed u disgħin) miljun Ewro li Kuba għas-snin 2021 sa 2024 sabiex jgħinu l-iżvilupp fil-qasam tat-transizzjoni ekoloġika (*ecological transition*) u l-immodernizzar tal-ekonomija Kubana.

(*Ara:* https://international partnerships.ec.europa.eu/countries/cuba_en#:~:text=The%20EU%2DCuba%202021%2D2027,the%20Union's%20engagement%20with%20Cuba.&text=We%20support%20the%20creation%20of%20sustainable%20municipalities.)

Dan il-programm ġie imġedded għas-snin 2025-2027 u taħtu Kuba se tirċievi € 34 (erbgħa u tletin miljun) Ewro għal-għajnuna fl-istess oqsma matul dawn it-tliet snin. (Ara: *https://international-partnerships.ec.europa.eu/document/download/2e2834f5-5ab9-4f07-a5f7-e7b32d6b6480_en?filename=ad-mip-2024-c2024-7502-americas-caribbean-annex_en.pdf*)

Dan kollu jindika li hemm bażi soda fuq xhiex wieħed ifittex li jsaħħaħ ir-relazzjonijiet bejn Malta u Kuba anki fl-ambitu tar-relazzjonijiet UE – Kuba fejn, kif jidher minn dak li diġà ktibt, l-UE mhux biss għandha ftehim *"politiku"* (il-PDCA) ma' Kuba imma qed issostni dan il-ftehim permezz ta' għajnuna finanzjarja. Dan irid jiġi inkwadrat ukoll fix-xewqa tan-naħa Kubana, kif jingħad fil-komunikat tal-Ministeru tal-Affarijiet Barranin Malti( ċitat aktar qabel fit-tweġiba għal mistoqsija numru 3 f' paġna 3), li Malta tgħin fit-tisħiħ tar-relazzjonijiet bejn Kuba u l-UE. F' dan il-kuntest, wieħed jista', għaldaqstant, ikompli jesplora kif, sakemm ikun possibbli u mhux kontra l-interessi ta' Malta, pajjiżna jista' jkun interlokutur bejn Kuba u l-UE u x' nistgħu niggwadanjaw għal Malta minn Kuba talli ngħinu f' dan ir-rigward.

## 10. *Tista' tispjega lill-Kumitat dwar jekk kontx involut matul il-karriera tiegħek fi ħdan il-Korp Diplomatiku u/jew il-Ministeru tal-Affarijiet Barranin?*

Waqt li formalment qatt ma kont nagħmel parti mill-Korp Diplomatiku Malti xorti għandi esperjenza ta' ħidma fil-qasam internazzjonali u nsegwi sew x' qed jiġri barra minn Malta.

Meta kont Sindku, erġajt tajt ħajja lill-ġemellaġġ li kien hemm bejn Ħaż-Żebbuġ u Agira billi dan kien tħalla xi ftit jew wisq fil-ġemb. Meta kont Sindku wkoll stabbilejt kuntatt mal-*European Forum for Urban Security (EFUS)* tant li anki ġibna konferenza tal-istess EFUS Malta, f' Marzu, 2012.

Kemm ili fil-kariga li nokkupa preżentement, dik ta' Kap Eżekuttiv tal-FSWS, saħħaħt l- isħubija li kellna mal-*International Social Service (ISS)* ( https://iss-ssi.org/ ) li kienet waħda ta' ftit aktar minn osservatur (*member ad interim*) u sirna membri sħaħ. Mhux hekk biss talli, fl-2018 konna mitluba, *in extremis*, biex nospitaw l-*International Council* (laqgħa ġenerali) tal-ISS. Għal din il-laqgħa, apparti d-delegati Maltin, attendew 90 delegat barrani. Bħala riżultat ta' dan fl-istess *International Council* (IC) li sar hawn Malta fl-2018 kont elett fil-*Governing Board* tal-ISS u erġajt ġejt ikkonfermat għal terminu ieħor ta' erbgħa snin waqt l-IC li sar f' Belgrad fl-2022.

Bl-istess mod, kont strumentali biex l-FSWS issieħbet fil-*European Social Network (ESN)* (**https://www.esn-eu.org**) lura fl-2016 u sena wara ġejna mitluba biex norganizzaw il-25 edizzjoni tal-*European Social Services Conference (ESSC 2017)*. F' din il-konferenza kien hemm 500 delegat li ġew apposta minn barra. Fl-2020 ġejt elett fuq il-*Board of Trustees* tal-ESN waqt li s-sena li għaddiet ġejt elett bħala wieħed mit-tliet Viċi-Presidenti tal-ESN b' responsabbilità għal tkabbir fil-*membership*. L-ESN għandha sħubija ta' 186 entità li joperaw fid-diversi kampijiet tal-qasam soċjali f' 33

pajjiż madwar l-Ewropa. Ir-rwol ċentrali li l-FSWS tieħu fi ħdan l-ESN wassal biex nerġgħu nkunu mistednin biex norganizzaw l-ESSC tal-2026 f' Malta s-sena d-dieħla.

Fl-aħħar nett, stabbilejt kuntatt mal-*International Society of Addiction Medicine (ISAM)* li hija għaqda mhux governattiva li tiġbor fi ħdanha professjonisti mediċi u oħrajn li jaħdmu fil-qasam tal-abbuż mis-sustanzi kif ukoll dipendenzi oħra bħal *behvaioural addictions*. Dan wassal biex l-FSWS, flimkien mal-Univeristà torganizza il-*World Congress* tal-ISAM f' Ottubru, 2022. Għal dan il-Kungress attendew 350 delegat barrani minn madwar id-dinja. Bħala legat ta' dan il-kungress jista' jingħad li minn dakinhar 'l hawn il-professjonisti tagħna mill-Aġenzija SEDQA kellhom opportunità mhux biss jieħdu sehem fil-kungressi li ġew wara imma anki jippreżentaw *papers* u riċerka fl-istess kungress. Dan barra opportunitajiet ġodda ta' taħriġ.

## 11. *Tista' tindika x'karigi għandek fil-preżent u jekk kemm-il darba tinħatar bħala Ambaxxatur, hux se tkun qed iżżomm xi kariga minnhom?*

Apparti il-karigi fuq il-*Board of Trustess* tal-ESN u fuq il-*Governing Board* tal-ISS li rriferejt għalihom fit-tweġiba preċedenti, ma għandi l-ebda karigi oħra ħlief dik tal-impjieg waħdieni tiegħi bħala Kap Eżekuttiv tal-FSWS. Sa fejn naf jien, Ambaxxaturi Mhux Residenti mhumiex rikjesti li jirriżenjaw mill-impjieg uniku w primarju tagħhom.

## 12. *Tista' tindika jekk għandekx xi attivitajiet kummerċjali? Jekk iva, tista' tindika jekk dawn l-attivitajiet kummerċjali jikkostitwixxux xi kunflitt ta' interess ma' din il-kariga prospettiva?*

La għandi u lanqas qatt ma kelli attivitajiet kummerċjali la f' Malta u lanqas barra minn Malta.

## 13. *Tista' tinforma lill-kumitat jekk diġà kellekx jew għandekx xi rabtiet jew investimenti kummerċjali mal-pajjiż rispettiv?*

Qatt ma kelli xi forma ta' kuntatt ma' Kuba la kummerċjali jew ta' ebda xorta oħra.

**Alfred GRIXTI,**

**Numru tal-Karta tal-Identità: 112262 (M)**

## *Mistoqsijiet sottomessi mill-Membri tal-Oppożizzjoni*

### 1. *Kif tiddeskrivi r-rwol ta' Ambaxxatur ta' Malta mhux residenti għal Kuba?*

Kif ġa indikjat fit-tweġiba għal Mistoqsija Numru 2 li saret mid-Deputati tan-Naħa tal-Gvern, l-iskop ta' kull amabaxxatur u tal-korp diplomatiku kollu ta' kull pajjiż huwa li jħares, jiddefendi u jippromwovi l-interessi ta' pajjiżu. Xejn anqas minn hekk. Dan jgħodd ukoll għal Malta. Jiġifieri, bħala *sine qua non*, l-irwol ewlieni li se nieħu, kemm-il darba nkun approvat bħala Ambaxxatur, se jkun dak li nfittex l-ewwel u qabel kollox x' inhu fl-aħajr interess ta' Malta.

### 2. *Tista' tindika, fl-opinjoni tiegħek, liema huma l-isfidi prinċipali fir-relazzjonijiet bejn Malta u l- Kuba?*

Kif ġa weġibt it-tweġiba għal Mistoqsijiet Numri 4 u 7 magħmulin mill-Membri tan-Naħa tal-Gvern f' dan il-Kumitat, l-isfidi huma tnejn.

L-isfida ewlenija hija n-nuqqas ta' kontinwità. Kellna ambaxxatur li, minħabba ċirkostanzi imprevisti, ma baqax. Jidher li dan wassal għal staġnar fir-relazzjonijiet bejn Malta w Kuba billi ilna bla Ambaxxatur għal dawn l-aħħar 10 (għaxar) xhur. Għaldaqstant, l-isfida ewlenija hija li nerġgħu nistabbilxxu relazzjonijiet fil-livell ta' Ambaxxatur u nkomplu nsostnu dawn ir-relazzjonijiet. Jekk inkun maħtur Ambaxxatur se nimpenja ruħi biex dan iseħħ. Minix interessat li nkun ir-rappreżentant ta' Malta fuq il-karta biss jew għaċ-ċerimonji biss. F' kelma waħda, huwa imperattiv li jinħatar Ambaxxatur biex jingħata impetu ġdid lir-relazzjonijiet bejn Malta w Kuba. Huwa immaterjali jekk inkunx jien. L-importanti huwa, jekk verament nemmnu li hemm ħtieġa

li jkollna dawn ir-relazzjonijiet ma' dan il-pajjiż, li din ma tkunx relazzjoni bis-sulluzzu jew fuq il-karta biss.

It-tieni sfida hija li, minħabba dak li għadni kif għedt bħala li sfida ewlenija, nafu ftit li xejn dwar dan il-pajjiż u l-potenzjal tiegħu. Dan jerġa' jġibni għall-punt dwar il-*fact-finding* li rriferjet għalih fit-tweġiba għall-ewwel mistoqsija. Jidher, kif għedt fit-tweġiba għall-mistoqsija preċedenti, li huma jridu jiffukaw fuq l-oqsma tas-saħħa, turiżmu w kummerċ. Għaldaqstant min ikun Ambaxxatur irid isir jaf sew x' joffru f' dawn l-oqsma u jara fejn hemm konverġenza jew konverġenzi li jistgħu jkunu ta' interess u benefiċċju bilaterali.

B' mod prattiku, kif indikajt fit-tweġiba tiegħi għal Mistoqsija Numru 7 tan-Naħa tal-Gvern, imbagħad hemm l-isfidi prattiċi li jiġu mħaddma ż-żewġ MOUs li hemm bejn iż-żewġ pajjiżi. Dak tal-qasam tas-Saħħa wieħed għandu jesplora kif jista' jiġi mwettaq speċjalment fis-settur tal-bijoteknoloġija li tista' jkun sors ta' kummerċ bejn iż-żewġ pajjiżi.

Dwar l-MOU l-ieħor, dak tal-Konsultazzjonijiet Politiċi, jekk inkun approvat bħala Ambaxxatur minn dan il-Kumitat, kif ġa ktibt, se nieħu direzzjoni biex nara jekk dan l-MOU għandux jiġi mġedded u nimxi skont id-direzzjoni li ningħata.

## 3. *Tista' tispjega x'inhuma l-pożizzjonijiet u interessi komuni li aħna nħaddnu mal-Kuba?*

Kif ktibt fit-tweġiba tiegħi għal mistoqsija Numru 5 tal-Membri tan-Naħa tal-Gvern, meta wieħed jara x' inhuma l-15-il objettiv strateġiku tal-politika barranija Maltija jista' jara li taħt dak li huwa magħruf bħala *"**Strategic Pillar 3:** Maximise opportunities for influence in strategic regions and multilateral fora, Objective 3"*, dan jgħid:

> *"Support efforts to strengthen international climate action, maritime governance and the protection of the global environment and advocate for and promote the interests of Small Island States and Small Island Developing States in*

*international fora, while also pioneering and supporting initiatives to bolster their sustainable development."*

(Ara: https://foreign.gov.mt/wp-content/uploads/2024/11/Foreign-Policy-Statement-Strategic-Framework-2025-2026v2.pdf)

Nerġa' ntenni li, fl-opinjoni tiegħi, dan huwa l-aktar objettiv strateġiku li jista' jkun hemm interess komuni għax kemm Malta w kemm Kuba huma stati gżejjer (*island states*) li t-tibdil fil-klima jolqothom direttament. Ovvjament, dwar dan min ikun Ambaxxatur ma jridx jiddeċiedi għal rasu imma jitlob il-gwida tal-Ministeru għall-Affarijiet Barranin.

## 4. *X'preparazzjoni u formazzjoni għandek fi ħdan korp diplomatiku? Qatt ġejt assenjat ġewwa ambaxxata jew irċevejt xi forma ta' taħriġ fid-diplomazija?*

Bir-rispett kollu, u bil-permess tal-Onorevoli Membri, se nerġa' nelenka l-esperjenza ta' ħidma li għandi fil-qasam internazzjonali.

Waqt li formalment qatt ma kont nagħmel parti mill-Korp Diplomatiku Malti xorti għandi esperjenza ta' ħidma fil-qasam internazzjonali u nsegwi sew x' qed jiġri barra minn Malta.

Meta kont Sindku, erġajt tajt ħajja lill-ġemellaġġ li kien hemm bejn Ħaż-Żebbuġ u Agira billi dan kien tħalla xi ftit jew wisq fil-ġemb. Meta kont Sindku wkoll stabbilejt kuntatt mal-*European Forum for Urban Security (EFUS)* tant li anki ġibna konferenza tal-istess EFUS Malta, f' Marzu, 2012.

Kemm ili fil-kariga li nokkupa preżentement, dik ta' Kap Eżekuttiv tal-FSWS, saħħaħt l- isħubija li kellna mal-*International Social Service (ISS)* ( https://iss-ssi.org/ ) li kienet waħda ta' ftit aktar minn osservatur (*member ad interim*) u sirna membri sħaħ. Mhux hekk biss talli, fl-2018 konna mitluba, *in extremis*, biex nospitaw l-*International Council* (laqgħa ġenerali) tal-ISS. Għal din il-laqgħa, apparti d-delegati Maltin, attendew 90

delegat barrani. Bħala riżultat ta' dan fl-istess *International Council* (IC) li sar hawn Malta fl-2018 kont elett fil-*Governing Board* tal-ISS u erġajt ġejt ikkonfermat għal terminu ieħor ta' erbgħa snin waqt l-IC li sar f' Belgrad fl-2022.

Bl-istess mod, kont strumentali biex l-FSWS issieħbet fil-*European Social Network (ESN)* (https://www.esn-eu.org) lura fl-2016 u sena wara ġejna mitluba biex norganizzaw il-25 edizzjoni tal-*European Social Services Conference (ESSC 2017)*. F' din il-konferenza kien hemm 500 delegat li ġew appost minn barra. Fl-2020 ġejt elett fuq il-*Board of Trustees* tal-ESN waqt li s-sena li għaddiet ġejt elett bħala wieħed mit-tliet Viċi-Presidenti tal-ESN b' responsabbilità għal tkabbir fil-*membership*. L-ESN għandha sħubija ta' 186 entità li joperaw fid-diversi kampijiet tal-qasam soċjali f' 33 pajjiż madwar l-Ewropa. Ir-rwol ċentrali li l-FSWS tieħu fi ħdan l-ESN wassal biex nerġgħu nkunu mistednin biex norganizzaw l-ESSC tal-2026 f' Malta s-sena d-dieħla.

Fl-aħħar nett, stabbilejt kuntatt mal-*International Society of Addiction Medicine (ISAM)* li hija għaqda mhux governattiva li tiġbor fi ħdanha professjonisti li jaħdmu fil-qasam tal-abbuz mis-sustanzi kif ukoll dipendenzi oħra bħal *behvaioural addictions*. Dan wassal biex l-FSWS, flimkien mal-Univeristà torganizza il-*World Congress* tal-ISAM f' Ottubru, 2022. Għal dan il-Kungress attendew 350 delegat barrani minn madwar id-dinja. Bħala legat ta' dan il-kungress jista' jingħad li minn dakinhar 'l hawn il-professjonisti tagħna mill-Aġenzija SEDQA kellhom opportunità mhux biss jieħdu sehem fil-kungressi li ġew wara imma anki jippreżentaw *papers* u riċerka fl-istess kungress. Dan barra opportunitajiet ġodda ta' taħriġ.

## 5. *Tista' tinforma lill-kumitat jekk diġà kellekx żjarat fil-Kuba u jekk għandekx xi rabtiet jew investimenti kummerċjali fil-Kuba?*

It-tweġiba hija fin-negattiv. ***Le, qatt ma żort Kuba sa issa u qatt ma kelli rabtiet ta' ebda xorta mar-Repubblika ta' Kuba***, wisq u wisq inqas rabtiet kummerċjali.

## 6. *Qatt kont involut f'negozjati, trattati jew f'dikjarazzjonijiet fl-interess ta' pajjiżna ma' pajjiżi oħra?*

Direttament le qatt ma kont involut f' dawn it-tipi ta' negozjati. Indirettament, irrid ngħid li bħala Ministeru jirċievu kontinwament u b' mod regolari talbiet mir-***Rappreżentanza Permanenti Maltija għall-Unjoni Ewropeja*** fi Brussell (*Dar Malta*) talbiet biex nagħtu l-veduti u l-pożizzjoni tagħna fuq suġġetti li jolqtu direttament is-settur li naħdem fih. Ġeneralment dawn ikunu dwar suġġetti li għandhom x' jaqsmu ma' *Child Protection, Fostering u Adoption*, Vjolenza Domestika u s-*Safe Internet Use* - speċjalment fejn jolqot lill-minuri w it-tfal. Ir-rwol tiegħi u tat-tekniċi u professjonisti fi ħdan l-FSWS ikun li niflu l-*files* u proposti li tkun meħtieġa r-reazzjoni w il-pożizzjoni ta' Malta dwarhom u ngħadduhom lill-Ministeru biex imbagħad jintbagħtu lill-uffiċċjal relattiv li jkun qed jaħdem fuq dak il-*file* f' Dar Malta. Aħna naraw li nkunu konformi mal-*policy* tal-Gvern u nagħtu t-tweġibiet. Bl-istess mod, fuq is-suġġetti ġa indikati bħala Kap Eżekuttiv nikkordina t-tweġibiet tagħna għad-delegazzjonijiet tal-Kunsill tal-Ewropa tal-GREVIO u GRETA u meta Malta tkun trid tirrapporta lill-UNCRC.

## 7. *Tista' tindika jekk kontx impjegat mal-Istat Malti u, jekk iva, f'liema dipartiment/awtorità/entità?*

Matul ħajti jien dejjem kont impjegat bħala uffiċċjal pubbliku. Jien gradwat bħala edukatur u l-ewwel ħdimt bħala għalliem, imbagħad Assistent Kap ta' Skola u wara sirt Kap ta' Skola fejn servejt fi tliet skejjel differenti sakemm ġejt mitlub inservi bħala *Chairman* Eżekuttiv ta' dik li kienet l-ETC qabel ma ntlabt immexxi l-FSWS bħala Kap Eżekuttiv fejn ilni nservi għal dawn l-aħħar 11-il sena. Servejt ukoll fil-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żebbuġ bħala Sindku w Viċi-Sindku.

## 8. *Tista' tindika jekk qatt kontx parti minn Segretarjat ta' Ministru jew Segretarju Parlamentari jew jekk ħdimtx fil-qrib tagħhom f'dawn l-aħħar snin?*

Matul dawn l-aħħar tliet leġislaturi minn l-2013 'l hawn ma kontx nifforma parti mis-Segretarjat Privat tal-ebda Ministru jew Segretarju Parlamentari. Ovvjament, ma kontx naħdem f' xi Segretarjat fil-leġislaturi ta' qabel l-2013.

## 9. *Tista' tindika x'karigi tokkupa fil-preżent u liema minnhom beħsiebek iżomm f'każ li tiġi maħtur bħala Ambaxxatur ta' Malta mhux residenti għal Kuba?*

Kif ġa weġibt f' mistoqsija Numru 11 magħmulha mill-Membri tan-Naħa tal-Gvern, apparti il-karigi fuq il-*Board of Trustess* tal-ESN u fuq il-*Governing Board* tal-ISS, ma għandi l-ebda karigi oħra ħlief dik tal-impjieg waħdieni tiegħi bħala Kap Eżekuttiv tal-FSWS. Sa fejn naf jien, Ambaxxaturi Mhux Residenti mhumiex rikjesti li jirriżenjaw mill-impjieg uniku w primarju tagħhom.

## 10. *Tista' tindika jekk fil-preżent għandekx attivitajiet kummerċjali? Tista' tindika jekk dawn humiex ser ikunu f'xi kunflitt f'każ li tiġi maħtur Ambaxxatur ta' Malta mhux residenti għal Kuba?*

Kif ġa weġibt f' mistoqsija Numru 12 magħmulha mill-Membri tan-Naħa tal-Gvern, la għandi u lanqas qatt ma kelli attivitajiet kummerċjali la f' Malta u lanqas barra minn Malta.

## 11. *Tista' tiddikjara jekk għandekx xi kunflitt ta' interess f'din il-ħatra tiegħek?*

Niddikjara li ma għandi l-ebda kunflitt ta' interess ma' attivitajiet oħra tiegħi jekk inkun maħtur bħala Ambaxxatur.

## 12. *Tista' tiddikjara jekk għandekx passaport jew ċittadinanza ta' pajjiż ieħor?*

Niddikjara li l-uniku passaport (u allura ċittadinanza) li għandi huwa dak tar-Repubblika ta' Malta, u kburi ħafna bih.

**Alfred GRIXTI,**
**Numru tal-Karta tal-Identità: 112262 (M)**